FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 7 ta' Mejju, 2002**

**Numru 26**

**Avviz numru 717/02JR**

**S. Guillaumier & Company Limited**

**vs**

**Chas Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fis-26 ta' Marzu, 2002, fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u sebghin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm970.55), rapprezentanti prezz ta' materjal lilha mibjugh u kkunsenjat, fuq ordni u inkarigu taghha, mis-socjeta` attrici.**

**Bl-imghax skond il-Ligi mill-24 ta' Jannar, 2001 meta s-socjeta` konvenuta giet interpellata sabiex thallas b'att gudizzjali sal-gurnata ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-24 ta' Jannar,**

**2001 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju illi qed jigi pprezentat kontestwalment, kontra l-istess socjeta` konvenuta li r-rapprezentanti taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Ronald Aquilina ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu kollu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa' mija u sebghin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm970.55) bl-imghax legali mill-24 ta' Jannar, 2001 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-24 ta' Jannar, 2001 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**